**TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

Fl-atti tat-Talba CCT 198/25/F

**James Baldacchino**

**vs**

**Stefano Cremona – Groffe Elevator Services Ltd (C-33310)**

Illum, 1 ta' April 2026

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-7 ta' Novembru 2005;

Ra li minkejja li l-azjenda ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u l-avviż tas-seduta naqset milli tippreżenta Risposta;

Ra d-Digriet tiegħu kif diversament presedut, fejn dak l-Arbitru astjena milli jisma' t-Talba u b'hekk, it-Talba ġiet assenjata lill-Arbitru sedenti;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tad-9 ta' Marzu 2026, minkejja li għal darb'oħra, l-azjenda intimata kienet validament notifikata bl-avviż tas-seduta;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra l-atti kollha;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' €3,624.96 rappreżentanti spejjeż neċessarji sabiex lift li huwa kien ordna mingħand l-azjenda intimata għall-fond 13, Tamari, Triq Dun Ġorġ Zammit, Birżebbuġa, jinġieb u jinżamm *up to standard* wara li l-azjenda intimata ħalliet ħafna xogħol u parts nieqsa fl-installazzjoni tal-lift. Fost in-nuqqasijiet hemm linja tat-telefon ma taħdimx, *safety bypasses* ma jaħdmux, *stored ladder position safety switch* ma jaħdimx, *lobgook* u *pictograms* nieqsa, etċ.

Illi minkejja li kienet validament notifikata, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta ripsosta u naqset ukoll milli tidher għas-seduta tad-9 ta' Marzu 2026, li kienet intiża għas-smiegħ tal-provi kollha tal-partijiet. Minħabba din l-assenza inġustifikata, it-Tribunal qies l-istadju tal-ġbir tal-provi bħala magħluq.

Illi r-rikorrent ikkonferma it-talba tiegħu bil-ġurament quddiem it-Tribunal u ressaq ukoll bħala xhieda lill-Inġiniera Nicholas Bellizzi u Pierre Cassar, li t-tnejn eżaminaw il-lift in kwistjoni u kkonfermaw li minkejja li għadu prattikament ġdid, il-lift huwa afflitt minn bosta *safety hazards* gravi relatati ma nuqqasijiet fl-installazzjoni tiegħu, u ċioè *safety features* li baqgħu qatt ma ġew installati mill-fornitur.

Illi l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma deher għas-seduta tad-9 ta' Marzu 2026 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tagħha għas-seduta, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti tagħha meta kellha kull opportunità li tagħmel dan. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni.

Illi indipendentament minn dan, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur.

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba għal €3,624.96 hija ġustifikata.

**Deċiżjoni:**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' tlett elef, sitt mija u erba u għoxrin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€3,624.96).

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
*Arbitru*